# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 30 ta' Marzu 2021**

Appell numru 149/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Clint CAUCHI**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-25 ta' Awwissu, 2020 fil-konfront ta' Clint CAUCHI, karta tal-identita' bin-numru 162685M li ġi mixli (in suċċint) talli nhar is-27 ta' Jannar 2020 għall-ħabta ta' xi 17.30 hours:

   (i) seraq cable għad-dannu ta' Nicola Vella liema serq hu aggravat bil-valur li jeċċedi €232.94 iżda mhux €2,329.37 u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) riċettazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iii) U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Audrey Demicoli nhar il-21 ta' Marzu, 2018 f'dan li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iv) U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Caroline Farrugia Frendo nhar il-5 ta' Mejju 2018 f'dan li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(v) U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Gabriella Vella nhar il-5 ta' Frar 2019 f'dan li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(vi) U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation liema sentenza ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat A. Vella nhar it-30 ta' Novembru 2017 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddeċidiet li:

(i) Tastjeni milli tieħu konsiderazzjoni tat-tieni imputazzjoni;

(ii) Issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tielet, raba' u ħames imputazzjonijiet dedotta kontra l-imputat pero' fir-raba' imputazzjoni ir-riferenza hija għad-digriet tat-2 ta' Mejju 2019 u mhux għal dak tal-5 ta' Mejju 2019 kif indikat fiċ-ċitazzjoni,

u kkundannatu għal piena karċerarja ta' 3 snin li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri;

(iii) In oltre, il-Qorti rrevokat id-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-21 ta' Marzu 2018 u ordnat l-arrest mill-ġdid tal-ħati. Il-Qorti ordnat li l-garanzija personali ta' ħamest elef euro (€5,000) stabbilita fid-digriet fuq imsemmi jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta u jekk il-ħati jonqos li jħallas il-garanzija personali dan l-ammont jew kull bilanċ dovut minnu jiġu konvertit fi priġunerija bir-rata stabbilita skont il-liġi;

(iv) Il-Qorti irrevokat id-digriet tal-ħelsien mill-arrest tat-2 ta' Mejju 2019 u ordnat l-arrest mill-ġdid tal-imputat. Il-Qorti ordnat li s-somma ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) bħala depożitu u l-garanzija personali ta' għaxart elef ewro (€10,000) stabbiliti fid-digriet fuq imsemmi jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta u jekk il-ħati jonqos li jħallas il-garanzija personali dan l-ammont jew kull bilanċ dovut minnu jiġu konvertiti fi priġunerija bir-rata stabbilita fil-liġi;

(v) Il-Qorti irrevokat id-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest tal-5 ta' Frar 2019 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ordnat l-arrest mill-ġdid tal-ħati. Il-Qorti ordnat li s-somma ta' mitt ewro (€100) depożitu u l-garanzija personali ta' tmint elef ewro (€8,000) stabbiliti fid-digriet fuq imsemmi jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta u jekk il-ħati jonqos li jħallas il-garanzija personali dan l-ammont jew kull bilanċ dovut minnu jiġu konvertiti fi priġunerija bir-rata stabbilita fil-liġi;

(vi) In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap. 446, il-Qorti sabet lill-imputat ħati tas-sitt imputazzjoni u cioe' li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation tat-30 ta' Novembru 2017 u trattat miegħu għall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpoġġa taħt tali ordni daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet u filwaqt li għal kull bwon fini ikkonfermat il-ħtija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, irrevokat l-ordni ta' probation magħmul bis-sentenza msemmija u wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 279(b), 280(2) u 325(b) tal-Kap.9 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imsemmi Clint Cauchi għal perjodu ulterjuri ta' sentejn priġunerija.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn astjeniet li tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, tħassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu ħati tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba', tal-ħames u tas-sitt imputazzjonijiet u għar-raġunijiet suesposti tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew alternattivament tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tiġi imposta piena aktar ġusta u ekwa u dan wara li stqarr is-segwenti:

(i) Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u ma setgħet qatt issib lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Jingħad partikolarment li x-xhud ewlieni ta' dan il-każ u cioe' Malcolm Balzan ta verżjoni mhux minnha lill-pulizija. Dan qal li hu kien ħa r-ritratti lil persuna li wettqet dan ir-reat in kwistjoni. Madanakollu jirriżulta li kienet it-tfajla tiegħu u mhux hu li ħadet dawn ir-ritratti iżda t-tfajla tiegħu ma ġietx prodotta bħala xhud f'dawn il-proċeduri. Dan jirrendi lil Malcolm Balzan xhud mhux kredibbli. Hu dejjem sostna li kien hu li ħa r-ritratti u anki produċa soft copy tal-istess ritratti li ta lill-pulizija kif anke konfermat minn PS 610 a fol. 22 tal-proċess. Iżda mbagħad a fol. 45 meta huwa jixhed, isemmi kif ir-ritratti ħadithom it-tfajla tiegħu u din ma xehditx u għalhekk ma kkonfermatx din il-verżjoni.

    Illi jirriżulta li ma hux minnu li l-appellant ammetta li seraq il-cable mal-pulizija in kwantu din ma tikkwalifikax bħala ammissjoni kif rikjesta mil-Liġi peress li hija nieqsa mid-dettalji tal-akkuża nnifisha (data, ħin u lok).

(ii) It-tieni aggravju jirrelata mal-piena inflitta. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, il-piena inflitta li huwa flit mill-vizzju tad-droga kienet waħda eċċessiva. Setgħet tiġi imposta piena iktar ekwa u giusta. Il-Qorti tal-Maġistrati ma tatx piż l-aspett riformattiv tal-piena kemm fil-kwalita tal-piena kif ukoll fil-kwantita tal-piena

inflitta. Il-piena għandha tiġi varjata sabiex tirrifletti r-realta li attwalment l-appellant jinsab fiha.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3] Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-**Law of Evidence.**

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

9. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

11. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne,**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

12. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

13. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista'

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

14. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

15. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, **sure** fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni **lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni**. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

16. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.

17. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

18. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

19. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li**

[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

**jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

20. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-**best evidence rule**, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

21. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

22. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

> 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-

każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

23. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:

> 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

24. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar-

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay

evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

25. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

26. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

27. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "**unsafe and unsatisfactory**" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "**unsafe and unsatisfactory**". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

**<u>Provi dwar sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ta' serq ta' cable għad-dannu ta' Nicola Vella liema serq hu aggravat bil-valur li jeċċedi €232.94 iżda mhux €2,329.37</u>.**

28. F'paġna 42 et seq, Malcolm Balzan jixhed kif, fis-27 ta' Jannar, 2020 għal ħabta tal-ħamsa u nofs ta' fil-għaxija waqt li kien jinsab fil-vettura tiegħu fi Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi s-Siġġiewi flimkien mat-tfajla tiegħu – li pero ma xehditx matul il-proċeduri - hu ra persuna maskili, tgħabbi f'Toyota Vitz griża cable wire li kien ittieħed minn sit ta' kostruzzjoni f'vettura. Balzan kien jiġi qarib tas-sidien tal-cable li kienu qegħdin jaħdmu f'dak is-sit ta' kostruzzjoni.

29. Balzan minnufih ċempel lil qarib tiegħu ċertu Christopher Vella li kienet il-persuna li hu jafha bħala sid it-tower crane li kien fis-sit ta' kostruzzjoni minn fejn insteraq dak il-cable wire; u dan tah struzzjonijiet sabiex imur jirraporta l-Għassa tal-Pulizija. Balzan jikkonferma li wara li dak ir-raġel għabba dak il-cable fil-vettura griża huwa segwa bil-vettura tiegħu dik il-vettura misjuqa minn dak ir-raġel u li kien ġie mitfugħ il-cable de quo sal-mument fejn imbagħad tilef it-traċċi ta' dik il-vettura. Kien hemmhekk li Malcolm Balzan irraporta l-Għassa ta' Ħal Qormi u ipprovda lill-Pulizija bid-denunzja tiegħu kif ukoll b'dawk ir-ritratti li kienu ttieħdu lil dik il-persuna maskili li kienet ħadet il-cable minn fuq is-sit ta' kostruzzjoni.

30. Bix-xiehda ta' Malcolm Balzan għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha l-prova li dan ir-raġel - li f'dak l-istadju huwa ma kienx jaf min hu - rah iqiegħed il-cable li kien meħud mis-sit ta' kostruzzjoni fil-vettura griza. Balzan jikkonferma wkoll li t-tfajla tiegħu kienet ħadet ir-ritratti ta' dan ir-raġel u l-vettura bil-cable fiha.

Dawn ir-ritratti ġew eżebiti wkoll minn PS610. B'din ix-xiehda l-Qorti tal-Maġistrati kellha l-prova li dan ir-raġel wettaq il-kontrettazzjoni ta' oġġett mobbli li kien fis-sit ta' kostruzzjoni.

31. Mill-banda l-oħra mix-xiehda ta' Nicola Vella f'paġna 30 et seq il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet ukoll tqis il-fatt li din il-kontrettazzjoni kienet t'oġġett mobbli li kien jappartjeni lil ħaddieħor u wkoll li kienet doluża, magħmula i**nvito domino** bil-ħsieb li jsir qliegħ minnha.

32. Nicola Vella kien mar jagħmel kwerela fl-Għassa tal-Pulizija wara li kien ċempillu ibnu - Christopher Vella - u qallu biex imur is-Siġġiewi fuq is-sit tal-kostruzzjoni fi Triq Mons Mikiel Azzopardi minħabba li kienu qegħdin jisirqulhom il-cable. Vella jgħid li dak il-ħin kien diga' telaq minn fuq is-sit ta' kostruzzjoni u kien wasal il-Qawra fejn kien mar iwassal żewġ lavranti wara x-xogħol.

33. Vella jikkonferma li lil ibnu Christopher kien qallu b'dan l-inċident wieħed li missieru jiġi kuġin tiegħu u li kellu l-garaxx quddiem is-sit ta' kostruzzjoni fejn kien qiegħed jibni, u mnejn ittieħed dan il-cable. Nicola Vella jixhed li mar fuq il-post u sab il-cable maqtugħ minn isfel. Min ħadu qatgħu minn fuq id-dawl, ċjoe qatgħu minn isfel, fetaħ il-katnazz u qatgħu minn ġewwa.

34. Nicola Vella jikkonferma wkoll li hu u l-lavranti tiegħu kienu l-aħħar nies li ħarġu minn dan is-sit ta' kostruzzjoni. Jikkonferma wkoll li hu kien għalaq bil-katnazz; iżda l-ħalliel kien daħal minn post ieħor - u mhux minn fejn sakkar bil-katnazz - billi daħal minn gate żgħira oħra wara li qatgħa l-katnazz u fetaħ dan il-gate iż-żgħir. Meta mar fuq il-post il-katnazz ma sabux.

35. Nicola Vella stqarr ukoll li meta mar l-Għassa sab lil dik il-persuna (li ma jafx x'jisimha – pero irriżulta li kien Malcolm Balzan) li qaltlu li rat lil persuna bil-wire dieħel ġol-karozza u ħadlu r-ritratti. F'paġna 33 Nicola Vella jgħid li din il-persuna li ma ftakarx ismu qallu li hu – allura Malcolm Balzan - qal li **talabhulu** (dan il-cable lil dak ir-raġel li kien qiegħed jgħabbih fil-karozza l-griża) - imma dan ir-raġel saq minn fuq il-post. Dak li rriżulta li kien Balzan, baqa' nieżel wara dak ir-raġel li għabba l-cable fil-karozza tiegħu sar-roundabout li tagħti għal Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi u s-Siġġiewi imma hemmhekk tilfu. U minn hemm Nicola Vella baqa' sejjer l-Ghassa.

36. F'paġna 34 tax-xiehda tiegħu Nicola Vella ġie muri r-ritratti li ġew eżebiti mis-Surġent 610 a fol 25 sa 27 u dan ix-xhud għaraf fihom il-wire tad-dawl ossija l-cable kif ukoll il-gate iż-żgħira minn fejn il-ħalliel fetaħ u ħa l-cable. Nicola Vella kkonferma wkoll li dak ir-raġel li kien jidher fir-ritratti u li ma kienx jaf min hu kien ħa dak il-cable mingħajr il-kunsens jew l-għarfien tiegħu. Tant hu hekk li meta f'paġna 35, Nicola Vella ġie mistoqsi jekk rax lil dak ir-raġel dieħel fis-sit tal-kostruzzjoni ir-risposta spirtu pront ta' Nicola Vella kienet li ma rahx u jirringrazzja l'Alla li ma raħx! Tweġiba din li mhux biss waslet lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex twiddeb lil Vella biex ma jgħaddix kummenti talli turi wkoll li bl-aktar mod ċar li dak ir-raġel la kellu permess jidhol fis-sit tal-kostruzzjoni u wisq anqas kellu l-jedd jieħu oġġetti l-barra minn dak l-istess sit. Nicola Vella jikkonferma wkoll li dan il-cable wire, bejn wieħed u ieħor, kien jiswa' elfejn euro (€2000).

37. B'din ix-xiehda ta' Nicola Vella għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha wkoll il-prova li dak ir-raġel li ħa dak il-cable għamel

dan mingħajr ir-rieda u l-kunsens tal-proprjetarju tal-cable. Dik il-Qorti għalhekk setgħet ukoll tikkonkludi li dak ir-raġel, b'mod doluż, ħa dak il-cable mingħand sidu - daqslikieku kien proprejta tiegħu. Dik il-Qorti setgħet allura tinferixxi wkoll li dak ir-raġel kien ħa dak il-cable wire bil-ħsieb li jagħmel qliegħ minnu.

38. Apparti minn hekk bix-xiehda ta' Nicola Vella il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha wkoll il-prova li dak is-serq kien wieħed kwalifikat bil-valur in kwantu l-valur tal-istess cable kien jaqbeż l-€232.94 imsemmija fl-artikolu 267 tal-Kodiċi Kriminali, u l-valur allura kien jaqa' fil-parametri tal-artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali fejn allura l-piena applikabbli fil-każ ta' ħtija hija dik ta' priġunerija minn ħames xhur sa' tliet snin.

39. Il-provi sa dan l-istadju setgħu iwaslu lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) biex legalment u raġonevolment tikkonkludi li f'dan il-każ kien hemm is-serq tal-cable wire de quo. Biss dik il-Qorti riedet tara jekk u safejn hija setgħet torbot dik is-serqa tal-cable mal-persuna tal-appellant. Riedet tara kemm legalment u raġonevolment setgħet tistrieh fuq ir-ritratti eżebiti mis-Surġent 610 u li allegatament ġew meħuda mit-tfajla ta' Malcolm Balzan, li pero ma xehditx fil-proċeduri.

**<u>Provi preżentati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar l-identifikazzjoni tal-appellant bħala l-persuna maskili li wetqet is-serqa</u>**

40. Fix-xiehda tiegħu f'paġni 42 u 48 Malcolm Balzan jgħid li huwa ma rax lill-appellant wiċċ imb'wiċċ. F'paġna 44 jgħid li huwa ma għarfux fuq il-post.

41. Dan jikkuntrasta mal-verżjoni li xehed dwarha PS610 Mark Anthony Spiteri f'paġna 21 et seq li rraporta li Malcolm Balzan, meta mar jiddenunzja dan is-serq tal-cable wire qallu li meta ra lil dan ir-raġel jisraq dan il-cable wire u jgħabbih fil-karozza, Malcolm Balzan mar fuq dan ir-raġel u staqsieh x'kien qiegħed jagħmel b'dan il-cable wire fuq wara tal-vettura tiegħu u dan minħabba li Malcolm Balzan kien jaf li dan il-cable kien ta' Nicola Vella.

42. Dan ir-rakkont jaqbel ukoll ma dak li xehed Nicola Vella dwar dak li semgħa lil Malcolm Balzan jgħidlu meta f'paġna 33 Nicola Vella jgħid li Malcolm Balzan qallu li "talabhulu" (dan il-cable lil dak ir-raġel li kien qiegħed jgħabbih fil-karozza l-griża) - imma dan ir-raġel saq minn fuq il-post.

43. Dan ifisser li żewġ xhieda – Surġent tal-Pulizija u s-sid tal-cable misruq jixhdu li semgħu lix-xhud okulari Malcolm Balzan jgħid li jew mar fuq dak ir-raġel li rah jgħabbi l-cable fil-vettura tiegħu u staqsieh x'kien qiegħed jagħmel b'dan il-cable fuq wara tal-vettura tiegħu (minħabba li kien jaf li dan il-cable kien ta' Nikola Vella) jew li Malcolm Balzan kien talab lura l-cable lil dak ir-raġel li kien ħa l-cable u qegħdu fil-karozza. Minn dawn iż-żewġ siltiet jirriżulta li

dawn iż-żewġt xhieda semgħu lil Malcolm Balzan jgħidilhom li b'xi mod huwa mhux biss ra lil dak ir-raġel jieħu u jqiegħed il-cable mis-sit tal-kostruzzjoni fil-vettura misjuqa minnu, iżda wkoll li Malcolm Balzan għamel kuntatt ravviċinat ma dak l-istess raġel billi b'xi mod kelmu.

44. Dan jista' jagħti l-impressjoni li jikkonstrasta ma dak li Malcolm Balzan xehed bil-ġurament tiegħu li f'paġna 48 meta qal li huwa ma rax lill-imputat wiċċ imb'wiċċ u li ma kienx viċin tiegħu. F'paġna 49 – 50 Balzan jgħid li r-ritratti ttieħdu minn distanza li l-Qorti kkalkulat bħala ta' madwar erba' jew ħames metri bogħod. Fix-xiehda tiegħu Balzan ma jgħidx li huwa kellem lil dak ir-raġel – u dan a differenza ta' dak li PS610 u Nicola Vella xehdu li semgħu lil Balzan jgħidilhom.

45. Din tista' forsi tidher li hi diskrepanza fix-xiehda ta' Malcolm Balzan. Skont ir-regola tal-**hearsay evidence** imsemmija aktar il-fuq, dak li Balzan qal lil PS610 u Vella tista' titqies bħala prova li huwa qalilhom dawk il-kliem – ċjoe li huwa b'xi mod tkellem mal-ħalliel - iżda ma tistax titqies bħala prova tal-kontenut ta' dak mistqarr minn Balzan lilhom – jiġifieri prova li huwa verament tkellem mal-ħalliel : kif semgħuh jgħidilhom.

46. Mill-banda l-oħra fix-xiehda tiegħu Balzan ma jsemmix li huwa kellem lil dak ir-raġel. Jiġifieri x-xiehda tiegħu la tiċħad u l-anqas tikkonferma dan. Biss din il-Qorti innutat li fix-xiehda tiegħu Balzan jidher li jipprova jqiegħed lilu nnifsu kemxejn aktar il-bogħod minn dak ir-raġel milli effettivament irriżulta li kien.

47. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax li fix-xiehda tiegħu Malcolm Balzan kien jidher ftit jew wisq skomdu jixhed ċerti dettalji. Din il-

posizzjoni tirriżulta wkoll f'paġna 45 tax-xiehda ta' Balzan fejn meta mistoqsi fuq ir-ritratti li ġew eżebiti mis-Surġent 610 f'paġni 25 sa 27 tal-proċess, Malcolm Balzan ma riedx jgħid min ħadhom dawn ir-ritratti mill-istess vettura li kienet misjuqa minnu. Anzi insista li ma riedx jgħid min ħadhom sakemm, b'mod evidentement riluttanti, kellu jgħid li dawk ir-ritratti ħadithom it-tfajla tiegħu. U din it-tfajla spiċċat biex ma ttellgħetx tixhed f'dan il-każ.

48. Biss minkejja din il-karatteristika ta' dan ix-xhud, jirriżulta li fl-aħħar mill-aħħar huwa stqarr dak li ra, anke jekk b'xi ftit tqanżieh. U essendo xhud okulari tal-episodju ta' kontrettazzjoni t'oġġett mobbli ta' ħaddieħor, ix-xiehda tiegħu kellha piż probatorju konsiderevoli. Fix-xiehda tiegħu f'paġni 43 sa 45 Malcolm Balzan jixhed b'mod progressiv dwar dak li ra lil dak ir-raġel jagħmel. F'paġna 43 jgħid li kien ra "wieħed" jgħabbi l-wire tat-tower crane f'karozza li kienet griża. F'paġna 44 Balzan jgħid li huwa dak il-ħin m'għarfux – u jgħid li kien naqra twil, imma huwa mill-bogħod kien qed jarah.[10] Imbagħad wara mar isuq għal warajh u wara niżel l-Għassa tal-Pulizija. Imbagħad huwa ġie muri r-ritratti li, bi sforz, stqarr li ttieħdu mit-tfajla tiegħu waqt li kienu fil-karozza tiegħu f'distanza li l-Qorti kkalkulat ta' madwar erba' jew ħames metri l-bogħod mill-vettura ta' dak ir-raġel.

49. Balzan ġie muri r-ritratt numru wieħed li ppreżenta s-Surġent 610 u ġie mitlub biex jidentifika lil dak ir-raġel li kien jidher f'dak ir-ritratt. Balzan dar dawra madwaru u identifika lill-imputat appellant. Għall-mistoqsija "Qiegħed tagħrfu xi mkien hawnhekk? Jekk iddur dawra, tħares mal-awla?" Malcolm Balzan jirrispondi : "Hu". Il-

[10] Ħalliha li f'paġna 50 jirriżulta lil Qorti li kien madwar erba' jew ħames metri l-bogħod minnu! Jiġifieri distanza li ma kienetx daqshekk il-bogħod.

Prosekutur jistaqsih "Hu min? Indika lil Qorti." U Malcolm Balzan, juża l-espressjoni : "Mhux dak hu!" u l-Qorti tikkummenta li x-xhud kien qiegħed jindika lill-imputat.

50. Il-punt determinanti huwa li għalkemm Balzan ma kienx il-persuna li ħadet dawk ir-ritratti, huwa kien preżenti fil-vettura flimkien mat-tfajla tiegħu li skontu kienet dik li ħadet dawk ir-ritratti u fil-mument meta hija ħadet dawk ir-ritratt. Jiġifieri huwa setgħa, fuq il-post mnejn u fil-ħin li ttieħdu dawk ir-ritratti, jara dik l-istess xena preċiża li dawk ir-ritratti kienu qegħdin jikkristallizzaw u jimmortalizzaw. Din l-identifikazzjoni tal-appellant minn Malcolm Balzan għalhekk tistrieh fuq il-fatt li Malcolm Balzan ma kienx biss persuna li kienet qegħda tidentifika l-persuna tal-imputat appellant minn fuq ritratt li ġie muri lilu. Veru li matul ix-xiehda tiegħu Malcolm Balzan ġie muri r-ritratt u mitlub biex iħares lejh u jara jekk jagħarfx lil dak ir-raġel li kien fir-ritratt. Iżda minbarra hekk, Malcolm Balzan kien ukoll preżenti meta ttieħdu dawk ir-ritratti, kien qed jara l-inċident jiżvolġi quddiem għajnehj meta ttieħedu dawk ir-ritratti u huwa kien ra b'għajnejh lil dak l-istess raġel fuq il-post tal-inċident jgħabbi l-cable fil-vettura li kienet misjuqa minnu – għalkemm fuq il-post tal-inċident jgħid li huwa ma kienx għarfu – u dan in kwantu ma kienx jaf min hu.

51. Lil dak ir-raġel li huwa identifika minn fuq ir-ritratt kien fl-istess waqt raħ ukoll personalment b'għajnejh stess fuq il-post jagħmel dawk l-azzjonijiet. Jiġifieri Balzan kien ra' dik l-istess xena immortalata bir-ritratt b'għajnejh stess u mhux sempliċiment ra dik ix-xena minn fuq ritratt. Balzan għalhekk setgħa jgħaqqad dak li huwa ra personalment b'għajnejh fuq il-post inkluż lil dak ir-raġel li

ma kienx jaf min hu u setgħa jqablu ma' dak ir-raġel li kien preżenti fl-awla tal-Qorti u b'hekk setgħa jara li dak ir-raġel kien l-istess wieħed li huwa kien ra fuq il-post tal-inċident de quo b'għajnejh stess.

52. Balzan identifika wkoll il-vettura użata minn dak ir-raġel fuq il-post tal-inċident, li fix-xiehda tiegħu identifika bħala l-imputat appellant. Huwa għaraf li dik kienet il-vettura li kien rrefera għaliha fix-xhieda tiegħu meta qal li l-cable wire ġie mgħobbi f'vettura griża u kkonferma wkoll li dik kienet l-istess vettura li huwa segwa sar-roundabout li minn Ħaż-Żebbuġ tagħti għal Ħal-Qormi fejn imbagħad tilfu.

53. L-appellant iħossu aggravat b'dan u jargumenta li s-sejbien tal-ħtija tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet **unsafe and unsatisfactory** prinċipalment għaliex dik il-Qorti

(a) għażlet li temmen lil dan ix-xhud minkejja d-diskrepanzi fix-xhieda tiegħu u

(b) għaliex skont l-appellant ir-ritratti ma jikkostitwixxux prova ammissibbli bil-Liġi stante li l-persuna li effettivament ħadithom - skont Balzan, it-tfajla tiegħu - ma xehditx f'dawn il-proċeduri.

54. Illi kwantu għall-argument dwar l-attendibbilta' tax-xiehda tal-Malcolm Balzan o meno, kif diġa rilevat ftit aktar il-fuq, il-ġurisprudenza tgħallem[11] fuq ir-regola ddettata mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali. Hekk per eżempju nsibu fil-

---

[11] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

każ **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martin Dimech**[12] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet tagħha l-indirizz li kien ta l-imhallef li ppresjeda l-ġuri fl-istess ismijiet quddiem il-Qort Kriminali:

> Ifisser li hawnhekk ma nimxux bin-numru tax-xhieda …. **Jista' jkollok kemm ikollok xhieda li qed jghidu mod, jekk ikollok xhud wiehed biss li qed jghid mod iehor u inti xorta meta tkun qist ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, meta tkun applikajt il-bwon sens tieghek ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u jidhirlek li ghandek tiskarta dawn l-ghaxar xhieda u toqghod fuq dak ix-xhud wiehed biss, inti tista' tiddeciedi l-kaz a bazi ta' dak ix-xhud wiehed biss**[13]. U dan japplika sija jekk dak ix-xhud ikun xhud tal-prosekuzzjoni u sija jekk dak ix-xhud ikun xhud tad-difiza bid-differenza dejjem infakkarkom li lprosekuzzjoni trid tipprova sal-grad tal-konvinciment morali waqt li d-difiza jkun bizzejjed jekk tipprova sal-grad tal-probabbli. Mela din ir-regola ukoll qed taraw tax-xhud wiehed biss tapplika ugwalment, kemm ghall-kaz talprosekuzzjoni, kemm ghall-kaz tad-difiza. Fi kliem iehor ilbottom line x'inhija? Mhux in-numru li jghodd imma lkwalita` tax-xhud. X'taccetta jew ma taccettax jiddependi mill-kwalita` tax-xhud, inti kemm sa temmnu jew ma temmnux.

55. Għalhekk għalkemm l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, il-Qorti tal-Maġistrati xorta waħda tista' tistrieħ fuq il-verżjoni li jagħti xhud wieħed biss u dik ix-xhieda tista' titqies sħiha u kompluta daqslikieku kkorraborata minn iktar minn xhud wieħed.

56. Għalhekk, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) xorta waħda setgħet tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut. F'dan l-isfond u kif mistqarr ukoll preċedentement, din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, jibqalha biss il-kompitu tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħetx

[12] Deċiża 24 ta' Settembru 2004.
[13] Emfasi ta' din il-Qorti.

legalment u raġonevolment, abbażi tax-xhieda ta' dan ix-xhud waħdieni tasal għall-ġudizzju tagħha.

57. Din il-Qorti tosserva li r-riluttanza ta' Malcolm Balzan biex jikxef ir-rwol u l-identita' tat-tfajla tiegħu nonche l-fatt li deher skomdu jikkolloka lilu nnifsu viċin (kif fil-fatt jirriżulta li kien) tal-allegat ħalliel ma jfissirx li huwa kien inkonsistenti fuq dak li xehed. Verament li fix-xiehda tiegħu ma semmiex li huwa kellem lil ħalliel fuq il-post – kif qalu li semgħuh jgħid PS610 u Nicola Vella. Iżda anke dan il-fatt ma jfissirx li Balzan kien inkonsistenti. Il-fatt jibqa' li huwa la jiċħad u l-anqas jikkonferma li għamel dan in kwantu ma semma' xejn jekk kellimx lill-ħalliel jew le. Fi kwalunkwe każ anke li kieku kelmu, dan setgħa għamel dan minn distanza ta' ħames metri jew aktar daqskemm setgħa kelmu wiċċ imb wiċċ. Fin-nuqqas ta' konferma fix-xiehda ta' Balzan li huwa kellem lil ħalliel, din il-Qorti ftit għandha xi żżid dwar dan.

58. Mill-banda l-oħra żgur li Balzan ma kienx inkonsistenti fuq il-fatt li ma ħadhomx hu dawk ir-ritratti. Infatti, wara insistenza da parte tal-Qorti, huwa xehed kif kienet it-tfajla tiegħu li ħadet dawn ir-ritratti – fil-preżenza tiegħu - li mbagħad kien hu li għaddihom lill-Pulizija dakinhar li mar jirraporta l-Għassa ta' Ħal Qormi. Il-fatt li mill-NPS jirriżulta li lill-Pulizija qallhom li r-ritratti ħadhom hu ma xxejjinx il-kredibilita' tiegħu għaliex l-aqwa prova tibqa' x-xhieda tiegħu mogħtija viva voce quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Inoltre, l-NPS jista' jikkostitwixxi prova ta' dak li kiteb is-Surġent iżda mhux prova tal-kontenut tiegħu.[14]

[14] **Il-Pulizija vs. Andrew Pace** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Diċembru 2014.

59. Dwar il-kwisjtoni tal-ammissibilita' o meno tar-ritratti bħala evidenza minħabba li ma ttellgħetx tixhed il-persuna li effettivament ħadithom din il-Qorti rat li f'paġna 96 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tagħmel ukoll referenza għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. David Sant**[15] fejn dik il-Qorti kienet rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn il-Prosekuzzjoni ma kinetx tellgħet jixhed lil dak ix-xhud li kien għadda DVD lill-Pulizija u għalhekk ġiet ikkontestata l-ammissbilita' ta' dak id-DVD bħala prova. F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddistingwiet bejn l-ammissibilita' ta' tali dokument u l-valur probatorju tiegħu u rabtet dan l-argument tagħha mal-kwistjoni ta' rilevanza ta' dan id-dokument:

> Kwistjoni simili kienet ġiet deċiża mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Diċembru 1998 fis-sentenza (preliminari) fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Meinrad Calleja u in segwitu kkonfermata fuq dan il-punt minn din il-Qorti kolleġjalment komposta. Il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-ammissibilita' ta' reġistrazzjoni ta' konversazzjonijiet telefoniċi li allegatament saru bejn l-akkużat u xhud tal-prosekuzzjoni. Dik il-Qorti kienet iddikjarat il-casette tape relattiv ammissibbli minkejja li l-Pulizija kienet naqset, anzi rrifjutat, li tgħid min irreġistraha u kif dik ir-reġistrazzjoni kienet saret. Il-Qorti Kriminali f'dak il-każ kienet għamlet referenza għall-insenjament ta' Lord Chief Justice Goddard fil-każ Kuruma son of Kaniu vs. The Queen fejn a pagna 203 jingħad hekk: ''the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While the proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordship's opinion it is plainly right in principle.''
>
> ../..il-prinċipju jibqa' li t-test huwa dak tar-relevanza: jekk il-filmat jew ritratti jew reġistrazzjoni hu jew jista' jkun relevanti - jiġifieri mhux manifestament irrelevanti- allura, fin-nuqqas ta' xi exclusionary rule of evidence dak id-dokument hu ammissibbli, salv dejjem kif ingħad il-kwistjoni tal-valur probatorju. Mill-banda l-oħra, jekk ir-relevanza tad-dokument ma tkunx tista' tiġi stabbilita mill-istess filmat jew ritratt jew reġistrazzjoni, allura, fin-nuqqas ta' xi xhud li jkun jista' jistabbilixxi dik ir-relevanza, il-Qorti tista' tasal għall-konklużjoni li dak l-istess dokument hu manifestament irrelevanti u allura anqas biss tqisu.

[15] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Ottubru 2007

60. Issa fil-każ **Meinrad Calleja**, kien hemm sitwazzjoni differenti minn dan il-każ in kwantu fil-każ **Calleja** l-awtur tar-reġistrazzjoni ma kienx magħruf għal Qorti. F'dan il-każ mhux biss indubjament ir-ritratti mertu tal-każ huma rilevanti għaliex jikkristallizzaw b'mod viżiv mument fiż-żmien importanti għas-soluzzjoni ta' din il-vertenza iżda wkoll jimmortalaw lill-persuna speċifika fuq ix-xena tar-reat u juru anki l-vettura misjuqa minnu b'targa ta' reġistrazzjoni LCW 675.

61. Il-punt determinanti huwa li għalkemm Malcolm Balzan ma kienx il-persuna li ħadet dawk ir-ritratti, huwa kien preżenti fil-vettura flimkien mat-tfajla tiegħu li skontu kienet dik li ħadet dawk ir-ritratti u b'hekk huwa setgħa, fuq il-post, jara dik l-istess xena preċiża li dawk ir-ritratti kienu qegħdin jikkristallizzaw u jimmortalizzaw. Malcolm Balzan setgħa jagħti l-partikolaritajiet tad-data, post, ħin u ċirkostanzi ta' meta ttieħdu dawk ir-ritratti għaliex kien hekk preżenti f'dak il-mument li dawn ittieħdu. Infatti, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza appena ċċitata tinsenja kif dak li jeħtieġ li jsir mill-Prosekutur għall-fini tad-determinazzjoni tal-ammissibilita' tal-prova huwa li mhux neċessarjament li jittella' jixhed l-awtur tad-dokument (ritratti) iżda wkoll li tixhed xi persuna li tista' tikkonferma kif u taħt liema ċirkostanza ittieħed dak ir-ritratt jew saret tali reġistrazzjoni:

> Għalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jiġi esebit dokument li jkun irreġistra xi xena jew diskors - film, video clip, tape recording u reġistrazzjonijiet oħra simili - **jittella' jixhed xi ħadd li jkun jista' jikkonferma kif u taħt liema ċirkostanza saret dik ir-reġistrazzjoni**[16], tali konferma mhix pre-rekwiżit għall-ammissibilita' tad-dokument.

62. Il-Qorti ċċitat ukoll silta minn Blackstone fejn ingħad:

> A photograph (or film) the relevance of which can be established by the testimony **of someone with personal knowledge of the circumstances**

[16] Emfasi ta' din il-Qorti.

**in which it was taken (or made)**[17], may also be admitted to prove the commission of an offence and the identity of the offender.

63. Apparti minn hekk dawk ir-ritratti juru wħud minn dawk il-fatti li x-xhud okulari Malcolm Balzan xehed dwarhom u li hu rahom b'għajnejh stess jivolġu quddiemu personali. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Massimo Chircop**[18] din il-Qorti qieset ukoll bħala ammissibbli l-identifikazzjoni tal-malviventi magħmula minn persuna permezz ta' u minn fuq filmat - daqslikieku dik il-persuna kienet xhud okulari tal-inċident. Biex dan setgħa jsir pero, tali identifikazzjoni - meqjusa u evalwata flimkien ma' provi oħra bosta drabi ta' natura ċirkostanzjali li tkun univoka – riedet twassal lill-Qorti sal-grad ta' sikurezza rikjesta mil-Liġi għal fini ta' sejbien ta' ħtija. Il-Qorti stqarret hekk f'dan ir-rigward:

> Dwar dan il-punt, fis-sistema proċedurali Ingliż, u li fuqu l-Liġi proċedurali penali Maltija hija msejsa, il-**Blackstone's Criminal Practice 2019** għandu dan x'jgħallem :
>
> The contents of photographs and films on which a party seeks to rely may be proved by the production of the original; or by the production of a copy proved to be an authentic copy; or by the parol evidence of witnesses who have seen the photograph or film. In Kajala v Noble (1982) 75 Cr Aoo R 149 Ackner LJ held that the rule, that if an original document is available in a party's hands he must produce it and cannot give secondary evidence of it, was confined to written documents in the strict sense of the term and has no relevance to tapes or films. In Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986) 1 All ER 225, a video cassette recording, made by a security camera and showing a person in a shop picking up an item and putting it into his jacket, was played to police officers who identified the person as Taylor. The recording, after it had been returned to the shop, was accidentally erased. Evidence by the officers of what they had seen on the video was held to have been properly admitted, on the ground that what they had seen on the video was no different in principle from the evidence of a bystander who had actually witnessed the incident, and the appeal against conviction was dismissed. The Court of Appeal held that the weight and reliability of the evidence had to be assessed carefully, and because identification was in issue, by reference to the guidelines laid down in Turnbull (1977) QB 224, which had to be applied in relation to not only the camera, but also to the

---

[17] Emfasi ta' din il-Qorti.
[18] Deċiża nhar il-25 ta' Frar, 2020.

visual display unit or recorded copy and the officers. See also Constantinou (1989) Cr App R 74.[19]

L-implikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza Ingliża hija importanti ħafna għall-fini ta' dan il-każ inkwantu jammetti l-ammissibbilita bħala evidenza fi proċeduri kriminali:

just as a video recording of the commision of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position a a witness with a 'direct view of the action' Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986) 1 All ER 225[20]

Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi allura li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tistrieħ fuq ix-xiehda tal-parte civile kif ukoll tal-Pulizija fir-rigward ta' dak li huma raw fuq il-video recording li ġew murija sabiex jibbażaw l-investigazzjoni tagħhom minn hemm il-quddiem.

64. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex allura tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet, legalment u raġonevolment, tistrieħ fuq ix-xiehda ta' Malcolm Balzan fir-rigward ta' dak li huwa ra kemm personalment kif ukoll fuq dak li huwa ra fuq ir-ritratti eżebiti in kwantu dak li huwa kien ra fuq dawk ir-ritratti kien ukoll xhieda tal-event li seħħ, **b'direct view of the action**. Jiġifieri f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha mhux biss ir-ritratti li jikkristallizzaw xeni t'episodji tad-delitt hekk kif kien qiegħed jiġi mwettaq, iżda wkoll ix-xiehda ta' xhud okulari li ra mhux biss dawk ir-ritratti jittieħdu, kif ukoll ra dawk ir-ritratti, iżda x-xiehda tiegħu b'**direct view of the action tal-azzjoni tal-contrectatio tar-res furtiva hekk kif kienet qegħda sseħħ mill-appellant preżenti quddiemu.**

65. Minkejja li ma ttellgħetx tixhed il-persuna li effettivament ħadet dawn ir-ritratti, dawn ir-ritratti xorta waħda ġew ikkonfermati mix-xhud Malcolm Balzan, li kien preżenti fil-mument li ttieħdu u li kien

[19] Oxford University Press, 2018, para F8.62, paġna 2652.
[20] Oxford University Press, 2018, para F16.11, paġna 2793.

għalhekk kapaċi li jixhed fuq id-data, ħin, lok u partikolaritajiet oħra ta' x'kien is-suġġett ta' dawk ir-ritratti – ossija x'xeni dawk ir-ritratti kienu qegħdin jieħdu u jimmortalizzaw kif ukoll kif ittieħdu dawn ir-ritratti u min ħadhom quddiemu stess. Imbagħad kien Malcolm Balzan stess li għaddihom **a tempo vergine** lill-Pulizija. B'hekk la kien hemm trapass taż-żmien minn mindu ttieħdu għal meta għaddew għand l-awtoritajiet investigativi u lanqas kien hemm prova li għaddiet minn ħafna idejn sa meta tilfet it-traċċabilita' tagħha qabel ma din waslet għand l-awtoritajiet.

66. Apparti dan, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet ukoll tistrieħ fuq l-identifikazzjoni da parti ta' Malcolm Balzan tal-appellant bħala dak ir-raġel li seraq il-cable wire in kwantu din l-identifikazzjoni tista' titqies fl-isfond ġurisprudenzjali li jirriżulta mill-appell kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mark Pace** deċiża nhar is-7 ta' Novembru 2002 fejn intqal is-segwenti :

> Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court of the Australian Capital Territory fil-kawza Sharrett vs Gill (1993) 65 A Crim R. 44:
>
> 'I am unaware of any authority in this country or elsewhere that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable

to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';

Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' veramentr tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' identification evidence. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' Turnbull (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.

Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?

Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.

All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)".

67. F’dan il-każ din il-Qorti qiegħda f’pożizzjoni aħjar milli kienet fil-każ appena ċċitat **Massimo Chircop** in kwantu m’għandhiex quddiemha sitwazzjoni ta’ fejn xhud għaraf lill-malviventi **<u>biss</u>** minn fuq filmat. F’dan il-każ Malcolm Balzan kien xhud okulari tas-serqa

mwettqa minn dak ir-raġel li huwa fl-awla għaraf bħala l-appellant u għalhekk kien f'pożizzjoni fejn b'konvinzjoni setgħa jikkonferma li b'għajnejh stess ra u għaraf lill-appellant preżenti fl-awla li kienet dik l-istess persuna li dakinhar tas-27 ta' Jannar, 2020 raha tieħu cable wire minn fuq is-sit ta' kostruzzjoni u tgħabbieha għal ġol-vettura minnha misjuqa.

68. Din il-Qorti tqis għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet seranament, legalment u raġonevolment fiċ-ċirkostanzi, tistrieħ fuq l-osservazzjonijiet li x-xhud għamel bis-sensi tiegħu u għalhekk tikkunsidra dik l-identifikazzjoni tal-appellant bħala safe and satisfactory.

69. Biss apparti minn din l-evidenza diretta mogħtija mix-xhud Malcolm Balzan, hemm ukoll l-identifikazzjoni tal-appellant mill-Pulizija li investigaw dan il-każ infushom u li kienu għarfu lil CAUCHI.. Il-Pulizija waslet għall-identita' tal-ħalliel bħala l-appellant Clint CAUCHI ukoll meta huma ġew murija r-ritratti u setgħu minn dawn ir-ritratti jagħrfu l-persuna tal-appellant CAUCHI.

70. Oltre minn din l-identifikazzjoni hemm ukoll evidenza indiretta li tipponta lejn u tikkorrobora din l-identifikazzjoni magħmula minn Balzan u mill-Pulizija. Mix-xhieda ta' PS 610 Mark Anthony Spiteri joħroġ biċ-ċar li l-Pulizija irnexxilhom jitraċċaw il-vettura Toyota Vitz b'numru ta' reġistrazzjoni LCW 675 - li tidher fir-ritratti mgħoddija lilhom minn Malcolm Balzan – bħala li kienet issejjaħ lil Eleonora Cauchi, li tiġi omm l-appellant.

71. A fol 54 xehed ukoll rappreżentant tat-Transport Malta Stephen Cachia fejn ikkonferma li din il-vettura kienet irreġistrata fuq

Eleonora Cauchi sa mill-21 ta' Jannar, 2015. Din il-vettura kienet tal-kulur griż u kienet il-vettura identifikata mix-xhud Malcolm Balzan bħala dik il-vettura li ra misjuqa mill-appellant.

72. Di piu', is-Surġent 610 jixhed ukoll kif l-għada li saret id-denunzja, huwa kien mar jagħmel tfittxija fir-residenza tal-appellant u hemmhekk sabulu ħwejjeġ qiegħdin fil-mejjila lesti sabiex jinħaslu, liema ħwejjeġ kienu jidhru li huma dawk li kien liebes dak il-malvivent li kien ġie ffotografat mit-tfajla ta' Malcolm Balzan.

**Ikkunsidrat**

**<u>Provi li ġew preżentati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar is-sejbien ta' ħtija dwar l-imputazzjonijiet numru tlieta, erbgħa u ħamsa ossija l-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.</u>**

73. Skont ġurisprudenza prevalenti, sabiex l-imputazzjoni imnissla mill-artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali tiġi integrata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni teħtieġ li tressaq :

(a) Kopja awtentika tad-digriet konċedenti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest;

(b) il-prova li l-persuna imputata u l-persuna li isimha jkun miktub fuq id-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest huma l-istess identika persuna;

(c) il-prova li dak id-digriet kien fis-seħħ fil-jum meta jkun ġie kommess ir-reat de quo billi kemm id-digriet kif ukoll il-

proċeduri li minnu jitnisslu jiġu pruvati li kienu għadhom pendenti fil-jum tal-kommissjoni tar-reat.

74. In kwantu għall-imputazzjonijiet numru tlieta, erbgħa u ħamsa, din il-Qorti rat li fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Ġunju, 2020, ġew preżentati tlett kopji ta' digrieti ta' ħelsien mill-arrest:

(i) digriet datat 21 ta' Marzu 2018;

(ii) (ii) digriet datat 2 ta' Mejju 2019 u

(iii) (iii) digriet datat 5 ta' Frar 2019.

75. Dawn id-digrieti huma vera kopja awtentikata tad-digrieti relativi u għalhekk l-ewwel rekwiżit ġie ampjament sodisfatt.

76. Kwantu għall-prova li l-persuna imputata u l-persuna li isimha jkun miktub fuq id-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest huma l-istess identika persuna, din il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni ma resqet ebda prova dokumentarja jew testimonjanza li fuqha tista' tikkonkludi li l-appellant huwa l-istess persuna imsemmija fid-digrieti għajr ħlief għall-fatt li t-taħrika kienet ġiet konfermata bil-ġurament mill-Uffiċjal Prosekutur fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020 u din it-taħrika kienet dettaljata u speċifika ħafna fir-rigward mhux biss tad-dettalji personali inkluż il-karta tal-identita tal-appellant, iżda kienet dettaljata ħafna u speċifika billi tagħti d-dettalji speċifiċi tal-Qorti, Maġistrat, data u kondizzjoni allegatament miksura b'riferenza speċifika li kien l-imputat appellant li l-karta tal-identita tiegħu kienet murija fit-taħrika li kien kiser dawk id-digrieti speċifiċi. Jiġifieri ġaladarba t-taħrika kienet speċifika u preċiża fir-rigward ta' dawn id-dettalji u li dawn id-dettalji kollha ġew ikkonfermati bil-ġurament mill-Uffiċjal Prosekutur u investigattiv li juru r-rabta speċifika bejn dak l-

imputat partikolari u d-digrieti speċifiċi hemmhekk imsemmija, din il-Qorti tqis li ma għandhiex dubju li l-persuna imputata u l-persuna li isimha huwa miktub fuq id-digrieti konċedenti l-ħelsien mill-arrest huma l-istess identika persuna – ossija l-appellant.

77. Din il-Qorti pero ssib li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha tara li l-Prosekuzzjoni imkien ma kkonfermat b'mod sikur li d-digrieti speċifiċi tal-ħelsien mill-arrest relativi kienu għadhom **<u>viġenti</u>** fil-mument tal-kummissjoni tal-allegati reati da parte tal-imputat appellant. Din il-prova kienet meħtieġa li tiġi prodotta b'mod sikur in kwantu fin-nuqqas tagħha dik il-Qorti qajla setgħet tista' tgħid b'sikurezza li meta l-appellant ikkommetta r-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni huwa kien qiegħed ukoll jikser dawn il-kundizzjonijiet imposti fuqu. Dak il-ksur iseħħ biss fil-każ li dawk il-kundizzjonijiet kienu għadhom fis-seħħ meta huwa wettaq ir-reat de quo. Jekk ma hemmx prova sikura li dawk il-kundizzjonijiet kienu fis-seħħ meta wettaq ir-reat de quo allura ma jistax jingħad li l-appellant wettaq ksur ta' dawk il-kundizzjonijiet. Dan il-ksur irid jiġi pruvat mill-Prosekuzzjoni bħal kull imputazzjoni oħra b'suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. U l-fatt li dawk il-kondizzjonijiet ikunu fis-seħħ fil-waqt meta jkun qiegħed iseħħ id-delitt huwa wieħed miċ-ċirkostanzi li jridu jiġu pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u ma jistax jitħalla għall-ispekulazzjoni jew immaġinazzjoni tal-Qorti.

78. F'dan il-każ għalhekk, fin-nuqqas ta' prova sikura fuq il-fatt jekk il-kundizjonijiet kienux għadhom in vigore meta l-appellant wettaq ir-reat ta' serq ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tqis li l-Prosekuzzjoni pruvat ir-

rekwiżiti kollha meħtieġa sabiex l-appellant jitqies li kiser il-kondizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest addebitat lilu fit-tielet, raba' u ħames imputazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

79. L-imputazzjoni numru sitta hija dik tal-kummissjoni ta' reat waqt li kien taħt ordni ta' probation mogħtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Anthony Vella ta' nhar it-30 ta' Novembru 2017 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

80. F'imputazzjoni ta' din in-natura, il-ġurisprudenza teħtieġ li, sabiex imputat jiġi misjub ħati tagħha, il-Prosekuzzjoni trid tressaq il-prova :

a. ta' Kopja awtentika tas-sentenza li minnha tirriżulta l-orndi maħruġa ai termini tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. il-prova li l-persuna imputata u l-persuna li isimha jkun miktub fuq dik is-sentenza huma l-istess identika persuna;
c. il-prova li dik is-sentenza kienet res iudicata;
d. il-prova li r-reat seħħ fil-perjodu ta' l-ordni ta' probation jew liberazzjoni fit-termini tal-artikolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

81. F'paġna 62 tal-atti ġiet preżentata kopja awtentika tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat A. Vella fit-30 ta' Novembru 2017. Minn din is-sentenza jirriżultaw dettalji u konnotati suffiċjenti biex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet tikkonkludi li verament ingħatat dik is-sentenza u li l-persuna

imsemmija f'dik is-sentenza kienet fil-fatt il-persuna tal-istess imputat imressaq għall-ġudizzju quddiemha.

82. Kwantu għall-prova tar-**res iudicata**, il-prova mresqa mill-Prosekuzzjoni f'dan il-każ hija l-konferma bil-ġurament tat-taħrika da parti tal-Uffiċjal Prosekutur minn liema taħrika jirriżultaw d-dettalji speċifiċi tal-Qorti, Maġistrat u data ta' meta ingħatat dik is-sentenza kontra l-appellant kif imsaħħa bid-dikjarazzjoni espliċita konfermata mill-Uffiċjal Prosekutur u Investigattiv bil-ġurament tiegħu li dik is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kienet res iudicata fis-sens li dik is-sentenza kienet saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula. Dawn il-fatturi kollha flimkien isawru prova sikura li dik is-sentenza kienet fil-fatt mogħtija kontra l-appellant, kienet res iudicata u li ż-żmien li fih seħħ id-delitt kien fil-fatt fil-perjodu imsemmi f'dik l-istess sentenza.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-aggravju mill-piena</u>**

83. Din il-Qorti wriet biċ-ċar fil-korp tas-sentenza tagħha li sejra tilqa' l-appell tal-appellant in parti u b'hekk dan sejjer iħalli effett fuq il-kwantum tal-piena li sejra tiġi inflitta.

84. Minbarra dan, sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat il-Qorti tal-Maġistrati jrid jirriżultalha b'mod sikur li tali piena erogata tkun żbaljata fil-prinċipju billi tkun barra l-parametri tal-piena stabbilita jew tkun kwalitattivament jew kwantitattivament żbaljata jew, f'każ li tkun korretta fil-prinċipju, pero xorta tkun tirriżulta manifestament eċċessiva.

85. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

86. Din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li setgħet tkun normativament korretta iżda manifestament eċċessiva billi tieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minn dik il-Qorti. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

87. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala

> regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

88. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

89. F'dan il-każ il-piena mogħtija għall-ewwel imputazzjoni kienet marbuta wkoll mas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tielet, raba' u ħames imputazzjonijiet u fil-fatt ġiet mogħtija piena karċerarja waħda komplessiva għalihom – apparti li imbagħad il-Qorti għaddiet biex ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta fir-rigward tad-depożiti u garanziji personali rispettivi li jemerġu mid-digrieti speċifiċi. Ġaladarba din il-Qorti sabet li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx, in bażi għall-provi li kellha quddiemha ssib lill-appellant ħati wkoll tat-tielet, raba' u ħames imputazzjonijiet, din il-Qorti trid tirrevedi l-piena in kwantu issa trid tiġi mibdula biex tirrifletti biss il-ħtija tal-appellant fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

90. L-ewwel imputazzjoni kienet dik ta' serq kwalifikat bil-valur li jaqa' fil-parametri tal-artikoli 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali jiġifieri l-piena li, kif intqal aktar il-fuq, tvarja bejn ħames xhur sa' tliet snin.

91. Imbagħad hemm ukoll il-piena li kienet erogata fir-rigward tas-sitt imputazzjoni, li għar-rigward, din il-Qorti sejra tikkonferma l-ħtija dwarha u li wara li qieset il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward ta' kif waslet għall-piena erogata minnha, tqis li ma għandhiex għaliex tiddisturba dik id-diskrezzjoni li evidentement ġiet eżerċitata b'mod motivat daqskemm meqjus minn dik il-Qorti.

## Deċide

Konsegwentement, din il-Qorti qiegħda tilqa dan l-appell in parti bis-segwenti mod:

i) Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet ħtija fl-appellant għall-ewwel u għas-sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

ii) Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni;

iii) Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fl-appellant fit-tielet, ir-raba' u l-ħames, u filwaqt li tiddikjarah mhux ħati tat-

tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonjiet tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza fir-rigward tagħhom;

iv) Tħassarha f'dik il-parti fejn imponiet il-piena ta'

a. tliet snin priġunerija komplessiva fir-rigward tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u dan peress li din il-Qorti sabet lill-appellant mhux ħati tat-tielet, raba' u ħames imputazzjonijiet;
b. kif ukoll f'dik il-parti tas-sentenza fejn, b'riferenza għat-tielet, raba' u ħames imputazzjonijiet :
    - il-Qorti irrevokat id-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-21 ta' Marzu 2018 u ordnat l-arrest mill-ġdid tal-ħati kif ukoll fejn ordnat li l-garanzija personali ta' ħamest elef euro (€5,000) stabbilita fid-digriet fuq imsemmi jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta u jekk il-ħati jonqos li jħallas il-garanzija personali dan l-ammont jew kull bilanċ dovut minnu jiġu konvertit fi priġunerija bir-rata stabbilita skont il-liġi;
    - Il-Qorti irrevokat id-digriet tal-ħelsien mill-arrest tat-2 ta' Mejju 2019 u ordnat l-arrest mill-ġdid tal-imputat u fejn ordnat li s-somma ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) bħala depożitu u l-garanzija personali ta' għaxart elef ewro (€10,000) stabbiliti fid-digriet fuq imsemmi jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta u jekk il-ħati jonqos li jħallas il-garanzija personali dan l-ammont jew kull bilanċ dovut minnu jiġu konvertiti fi priġunerija bir-rata stabbilita fil-liġi;

- Il-Qorti irrevokat id-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest tal-5 ta' Frar 2019 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ordnat l-arrest mill-ġdid tal-ħati u fejn ordnat li s-somma ta' mitt ewro (€100) depożitu u l-garanzija personali ta' tmint elef ewro (€8,000) stabbiliti fid-digriet fuq imsemmi jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta u jekk il-ħati jonqos li jħallas il-garanzija personali dan l-ammont jew kull bilanċ dovut minnu jiġu konvertiti fi priġunerija bir-rata stabbilita fil-liġi.

v) U minflok tikkundanna lill-appellant, b'riferenza għall-ewwel imputazzjoni li tagħha ġie konfermat ħati għall-piena ta' sena u nofs priġunerija; u

vi) Tikkonfermaha fejn b'riferenza għas-sitt imputazzjoni sabitu ħati u fejn ikkundannatu għall-piena ta' sentejn priġunerija.

B'hekk għall-fini ta' kjarezza, bis-saħħa ta' din is-sentenza il-piena karċerarja mogħtija lill-appellant qegħdha tiġi mibdula minn ħames snin priġunerija għal dik ta' tliet snin u nofs priġunerija. U minbarra dak aktar il-fuq imsemmi u mibdul b'din is-sentenza, dil-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**